MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 377/2010

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta’ Gunju 2007 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A);
2. Illi l-hajja konjugali giet resa imposibbli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza morali, u abbandun kommessi da parti tal-konvenuta u kif ukoll minhabba inkompatibilita ta’ karattru;

3. Illi miz-zwieg ma twieldux tfal;
4. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat Dok B;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif hawn fuq premess;
2. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili;
3. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tieni talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;
4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f'kaz ta' bzonn;
5. Tikkundanna lilll-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha;

Bl-ispejjez kontra il-konvenuta ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li in forza taghha eccepiet :

1. Illi hija taqbel illi iż-żwieġ mal-attur tkisser irrimedjabilment, imma dana mhux tort tal-konvenuta imma esklużivament minħabba l-aġir tal-attur li mhux biss ikkommetta adulterju imma kien abużiv lejn martu u sawwatha diversi drabi, heddidha u abbandunaha, barra mill-fatt illi irrenda il-ħajja konjugali impossibbli.

2. Illi hemm qbil dwar l-ewwel, it-tielet, u ir-raba' paragrafi tar-rikors tal-attur, għaliex id-data taż-żwieġ hija korretta, il-partijiet ma għandhomx tfal u teżisti l-awtorizzazzjoni meħtieġa.

3. Illi dwar l-ewwel talba attriċi, il-konvenuta taqbel illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, imma għal raġunijiet imputabbli lill-attur u mhux lill-konvenuta.

4. Illi dwar it-tieni talba attriċi din għandha tinċaħad għaliex ma għandhom jiġu komminati ebda sanzjonijiet kontra l-konvenuta għaliex ir-responsabilità għat-tifrik taż-żwieġ hija kompletament u esklużivament ta' żewġha, u għalhekk is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kap XVI għandhom jiġu applikati kontra l-attur.

5. Illi dwar it-tielet talba attriċi, hemm qbil illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi xolta u likwidata u maqsuma f'porzjonijiet u assenjati lill-partijiet, imma wara li jkunu ġew applikati is-sanzjonijiet applikabbli kontra l-attur ai termini tal-Kap XVI.

6. Illi hemm qbil dwar ir-raba' talba attriċi fejn qegħda tintalab in-nomina ta' nutar pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun ta' qasma u kuratur f'każ ta' kontumaċja.

7. Illi dwar il-ħames talba attriċi, din għandha tinċaħad għaliex il-konvenuta ma għandhiex fil-pussess tagħha ebda proprjetà parafernali tal-attur.

8. Illi kif ingħad iż-żwieġ tkisser unikament minħabba l-aġir tal-attur u għaldaqstant il-konvenuta qegħda tipprevalixxi mill-opportunità li tagħtiha il-liġi illi tippreżenta kontrotalba kontra l-attur, flimkien ma' din ir-risposta ġuramentata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċeduri tal-medjazzjoni, tal-mandat ta' sekwestru u tar-rikors għall-manteniment kontra l-attur illi huwa inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, li in forza taghha ippremettiet:

1. Illi hija u l-attur rikonvenzjonat A B iżżewwġu f'Malta fit-30 ta' Gunju, 2007.

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti ma kellhomx tfal.

3. Illi l-attur rikonvenzjonat irrenda ruħu ħati lejn l-esponenti ta' vjolenza ripetuta, abbandun, adulterju, eċċessi, theddid, sevizzji u inġurji gravi b'mod li rrenda l-ħajja konjugali ta' bejniethom impossibbli u għalhekk il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet tkissret irremedjabilment;

4. Illi l-attur rikonvenzjonat, wara snin ta' vjolenza kontra martu, inqabad minn martu li kien f'relazzjoni intima ma' persuna impjegata mill-kontendenti fil-*pet shop* tagħhom, u hemmhekk deher ċar illi ma kienx hemm lok illi iż-żwieġ ikompli, minkejja l-isforzi li baqgħet tagħmel, waħedha, il-konvenuta rikonvenjenti sabiex jissewwa iż-żwieġ, u dana minkejja l-fatt illi żewġha, wara li nqabad fl-adultejri, abbanduna wkoll lil martu;

5. Illi, imbagħad, minkejja diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja min-naħa tal-konvenuta rikonvenjenti, din is-soluzzjoni bonarja qatt ma sehhet, għaliex l-attur rikonvenzjonat qatt ma ried jasal u żamm arbitrarjament pratikament l-assi kollha tal-komunjoni fil-pussess tiegħu u għalih biss;

6. Illi l-attur rikonvenzjonat jiggestixxi in-negozju ta' *pet shop* illi ghandhom il-kontendenti b'mod qarrieqi lejn martu u kontra l-interess tal-komunjoni tal-akkwisti, minn għalih li in-negozju huwa tiegħu biss, u keċċa lil martu mill-azjenda sabiex issa iżomm hemmhekk is-sieħba tiegħu.

7. Il-partijiet huma involuti f'kawża dwar konvenju rigwardanti fond li skond l-istess konvenju kellu jinbiegħ lilhom minn ċertu Mario Camilleri (Rikors Ġuramentat Numru 713/2008GCD, differit għad-29 ta' Marzu, 2011), l-eżitu ta' liema kawża jkollu effett fuq il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, anki għaliex Mario Camilleri għandu f'idejh depożitu appartenenti lill-partijiet.

8. Illi l-medjazzjoni ma tat ebda frott;

9. Illi kien minhabba f'dana kollu illi l-attrici kellha tibda dawn il-proċeduri;

10. Illi il-konvenuta rikonvenzjonanti ġiet debitament awtorizzata sabiex tipproċedi ghas-separazzjoni personali, permezz ta' digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja datat it-tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u għaxra (30.09.2010), kif sussegwentement estiż permezz ta' digriet ieħor . Kopja tad-digriet tinsab annessa bħala Dokument 'MA';

11. Illi permezz ta' digriet tal-31 ta' Jannar 2011, din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-attur rikonvenzjonat illi jhallas lil martu is-somma ta' EUR300 kull erba' gimghat;

12. Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet in vista tal-premess li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, jekk hemm bzonn ukoll, prevja l-appuntar ta' periti nominandi :

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti konjuġi B ghar-raġunijiet premessi imputabbli unikament lill-attur rikonvenzjonat ta' adulterju, sevizzji, eccessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi kontra l-istanti kif fuq premess, u/jew minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabilment u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi tistabilixxi id-data meta l-istess attur rikonvenzjonat ghandu jkun ikkunsidrat illi minnha kien ħati tal-firda;

2. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex iħallas lill-konvenuta rikonvenzjonati rata ta' manteniment għaliha illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa, liema rata għandha togħla kull sena skond l-indiċi tal-inflazzjoni ai termini tal-iskeda mal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u tordna wkoll illi tali rata għandha titħallas sa minn meta l-attur abbanduna lil martu 'il quddiem;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess propjetà u assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-konvenuta rikonvenzjonanti u l-ohra lill-attur rikonvenzjonat liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita id-data li minnha l-attur rikonvenzjonat jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li l-attur rikonvenzjonat jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-konvenuta rikonvenjenti skond il-ligi u billi l-attur rikonvenzjonat jigi ddikjarat unikament u eskluzivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzjonijiet minnu assunti in mala fede, u billi l-konvenuta rikonvenzjonanti tigi akkreditata b'sehemha spettanti mir-rikavati ta' beni appartenenti lill-komunjoni ġà mibjugha f'kaz li l-konvenut ma jaghtix rendikont soddisfacjenti ta' tali rikavat, u kif ukoll b'dawk l-ispejjez li hija ghamlet fil-propjetà komuni, u l-attur rikonvenzjonat jigi ikkundannat jaghti lura kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oggett li seta' ha l-attur rikonvenzjonat biex ihallas djun li ma jmorrux fuq il-komunjoni, u dana kollu jekk hemm bzonn b'opra ta' periti nominandi sabiex jillikwidaw l-istess komunjoni, u jekk ikun il-każ wara ordni ta' bejgħ in liċitazjoni ta' dawk l-assi tal-komunjoni illi ma jistgħux jiġu diviżi f'partijiet korrispondenti mal-entità tal-kwoti li ser jiġu assenjati lill-partijiet skond il-qasma kif ordnata mill-Qorti;

4. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u/jew minn 51 sa 55A tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jikkonsenja lill-konvenuta rikonvenzjonanti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Qorti l-oggetti kollha dotali u parafernali tal-istess konvenuta rikonvenzjonanti u fin-nuqqas jigi ikkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom hekk kif jigu likwidati jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominandi;

Bl-ispejjez inklużi dawk tar-rikorsi fi ħdan il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), tar-rikors għall-manteniment kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru numru 200/2010 ipprezentat kontra l-attur rikonvenzjonat, u imghaxijiet kontra l-attur rikonvenzjonat, illi minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponent jaqbel illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif gja sottomess fir-rikors guramentat;
2. Illi l-esponent jopponi li jkun hemm xi forma ta' manteniment u dan ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok ghandu jirrizulta illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment. Apparti minn hekk anke kieku ma jirrizultax li ddekadiet m'hemm xejn li jimpedilha illi tahdem bi qliegh;
3. Illi l-esponent ma jopponix ghat-tielet talba fejn din titratta talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti purche illi jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi. Dwar it-talbiet biex l-attur ikun responsabbli ghad-dejn assunt minnu in mala fede, li l-konvenuta tigi akkreditata b'sehemha minn rikavat ta' beni gja mibjugha u biex il-konvenuta tiehu lura l-ispejjez li ghamlet fi proprjeta' komuni ghandu jinghad illi dawn huma talbiet guridikament improponibbli u apparti minn hekk infondati anke fattwalment;
4. Illi huwa jopponi ghar-raba' talba stante li tali sanzjonijiet ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta biss;
5. Illi dwar il-hames talba l-esponent jissottometti illi l-konvenuta ma kellha l-ebda oggett dotali u parafernali u ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda;
6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenjonat;

Semghet l ix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan li min-naha taghha l-intimata taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom izda ghal ragunijet li huma imputabbli lill-istess attur. L-istess intimata tipprezenta wkoll il-kontro-talba taghha fejn fost talbiet ohrajn titlob anke manteniment ghaliha

**VERZJONI TAR-RIKORRENT**

Permezz tal-affidavit tieghu[1], l-attur jibda billi jirrakkonta kif iltaqa' mal-intimata. Jghid li mill-bidu ma kienx ihossu tajjeb maghha. Kienet rasha iebsa u ma kienet indipendenti xejn ghaliex kienet taghmel dak kollu li kienu jghidulha l-genituri taghha. Jghid li hu, ghall-kuntrarju huwa ragel indipendenti hafna u minhabba dan kollu ma riedx jizzewweg, imma ghamel dan il-pass ghaliex insistiet ommha tant li kien hu li rrifjuta li jkollhom it-tfal.

Jghid li qabel iz-zwieg kellu post gewwa Hal Qormi li kien xtara ghall-ammont ta' Lm30,000 b'dan li kien ha self mill-Bank of Valletta u sar id-dar matrimonjali bejn l-istess partijiet sakemm l-intimata ma riditx tibqa' tghix fih, u ghalhekk l-istess imsemmi post inbiegh ghall-prezz ta' Lm70,000 kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt ta' bejgh fl-Atti tan-Nutar Antoine Agius[2]. Mir-rikavat thallas id-dejn u sar konvenju fuq *maisonette* fi Triq id-Demnuq Siggiewi[3]. Jghid li ghamel xi xogholijiet fl-istess fond peress li nxtara *shell form*. Jghid li thallset is-somma ta' Lm5000 bhala depositu u s-somma ta' Lm10,000 ghax-xogholijiet li huma derivanti mill-bejgh tal-ewwel proprjeta' li kellu u li kienet parafernali tieghu. Il-bilanc intefaq fit-tieg u f'kawza kontra l-venditur li deher fuq l-istess imsemmi konvenju peress li ma riedx jersaq ghall-kuntratt. Jesebixxi kopja tar-rikors guramentat kif ukoll kopja tal-ahhar verbal (naturalment fiz-zmien li gie intavolat l-istess affidavit).

Jispjega wkoll li aktar ma ghadda zmien aktar bdew jidhru l-affarijiet li jdejquh fl-intimata u rrealizza li hija mara mahmuga, traskurata u ghazziena. Ghalkemm ommha kienet tghidlu li kellu ragun u li kienet ser tinbidel, dan fil-verita' qatt ma sehh. Jghid ukoll li ma kienitx tafdah u ma kienitx issajjar lanqas. Il-flus u l-paga ma kienitx isserviha u ghalhekk kien jispicca jzidilha mill-paga tieghu stess.

Jiddikjara li fis-sena 2009 kien ha l-hanut Tropical Bird gewwa Zebbug bil-kera, b'dan li l-intimata, wara ftit gimghat spiccat tahdem fl-istess hanut. Il-patt kien li hi tiehu hsieb it-tindif tal-post filwaqt li hu jiehu hsieb il-*managament* u l-bejgh izda l-intimata bdiet tonqos milli tnaddaf tant li kellha tigi impjegata seftura.

Il-partijiet isseparaw *de facto* fl-1 ta' Marzu 2010 b'dan li l-konvenuta bdiet tahdem fuq bazi *full-time* bhala *cleaner* ma' Mater Dei. Anness mal-istess affidavit (fost dokumentazzjoni ohra) hemm ukoll Dok. J1[4] li huwa dokument iffirmat (dejjem skont l-istess attur) mill-intimata fejn qed tiddikjara li l-van Toyota bin-numru ta' registrazzjoni ANG 888 u l-*pet shop* huma tal-attur u li hija m'ghandha x'taqsam xejn maghhom.

[1] Esebit a fol 42 tal-process
[2] Ara Dok. J esebit a fol 47 tal-process
[3] Ara Dok. J4 esebit a fol 56 tal-process
[4] Ara a fol 64 tal-process

**Il-VERZJONI TAL-INTIMATA**

Permezz tax-xiehda taghha[5] l-intimata tghid li ghall-bidu r-relazzjoni taghhom kienet tajba. Ir-relazzjoni taghhom marret ghall-aghar meta kienu ser jixtru l-post ta' Qormi ghaliex kien ser iwaddabha min fuq ghal isfel, ghalkemm dwar dan l-incident m'ghamlet ebda rapport. Tirrakkonta episodju fejn sawwatha fil-prezenza ta' ommu. Bl-ghajjat anke z-zijiet tieghu li kienu fl-ghalqa taghhom gew ghall-ghajnuna.

Tispjega li l-attur suppost jiehu l-medikazzjoni ghad-*depression* izda ma jihodhomx regolarment, tant li zzid tghid li l-argumenti li ssemmi fejn kien hemm vjolenza saru fiz-zmien meta ma kienx qed jiehu l-medikazzjoni.

Tghid li qabbditu f'relazzjoni adultera wkoll mal-*cleaner* tal-hanut tant li tiddikjara li ghadhom f'relazzjoni sal-lum. Kien wara dan l-episodju li l-partijiet isseparaw *de facto*.

Permezz tax-xiehda taghha in subizzjoni, nhar is-7 ta' Lulju 2011 l-intimata tiddikjara li hija tahdem fuq bazi *part-time* mal-Preluna Hotel b'dan li ghandha introjtu ta' €300 fix-xahar. Tikkonferma li fil-passat hadmet mal-McDonalds u l-isptar Mater Dei, fejn f'dan tal-ahhar kienet impjegata *full-time*.

**IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI**

Il-Qorti taghmel referenza ghac-certifikat taz-zwieg tal-partijiet datat it-30 ta' Gunju 2007[6], liema certifikat juri d-data minn mindu giet inizjata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Issir referenza ghall-affidavit ta' G B[7] u cioe' missier l-attur, li jiddiskrivi lill-intimata bhala *mummy's girl*, tifla mfissda hafna u ghazziena. Min-naha l-ohra jiddiskrivi lil ibnu bhala ragel li jhobb l-indafa u li jhobb kollox kif suppost u ghalhekk induna li ma kienux ser jaqblu flimkien. Jghid li prova jiftah ghajnejn ibnu izda l-attur dejjem spera li l-intimata kienet ser tinbidel.

---

[5] Ara s-seduta tas-27 ta' Settembru 2012 esebita a fol 425 tal-process
[6] Esebit a fol 5 tal-process
[7] Ara Dok. J2 esebit a fol 65 tal-process

Permezz tal-affidavit taghha, Y B[8] tghid li mill-ewwel indunat li l-intimata kienet rasha iebsa, thobb targumenta u mhux indipendenti. Issemmi wkoll il-konvenju li jsemmi l-attur fl-affidavit tieghu u li kien hemm xi zmien fejn il-partijiet marru jghixu ghandhom.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Romauld Attard[9] li jiddikjara li minn ricerka li saret mal-Bank of Valletta rrizulta li l-attur ghandu zewg kontijiet li ghadhom miftuhin[10]. Sussegwentement permezz tax-xiehda tieghu datata t-28 ta' Marzu 2014, x-xhud intalab jaghti *update* tal-kontijiet tal-partijiet mit-30 ta' Gunju 2007 sad-data tal-istess seduta, u jghid li l-attur ghandu zewg kontijiet f'ismu[11] li kienu attivi sad-data tar-ricerka. Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta Plc tipprezenta Dok. AG1 – sa' AG11 li jindikaw kontijiet f'isem l-attur, Dok. AG12 sa' Dok. AG14 f'isem l-intimata u Dok. AG 15 li huwa kont kongunt. Dok. AG1 sa' Dok. AG4 u Dok. AG12 u AG 13 ghadhom miftuhin. Sussegwentement permezz tax-xiehda taghha datata t-28 ta' Marzu 2014[12], taghmel rendikont tas-sitwazzjoni mit-30 ta' Gunju 2007 sal-istess data msemmija fejn tat ix-xiehda taghha u tiddikjara li f'isem l-attur instabu hdax-il kont[13]. F'isem il-partijiet b'mod kongunt instab kont bankarju wiehed[14], dokument esebit mill-attur u mmarkat bhala Dok. JC1[15] Dok. JC2[16] liema dokumenti huma prova tal-kirja fuq il-hanut kif ukoll prova tal-ammont dovut fuq l-*stock*.

Ix-xiehda ta' missier l-intimata[17] jghid li l-attur kien ragel vjolenti, b'dan li ried imur jaghmel rapport kemm-il darba l-ghassa pero' l-istess bintu kienet twaqqfu milli jaghmel dan. Jghid li ra t-tbengil fuq gisem bintu ghalkemm jistqarr li qatt ma ra lil-attur jerfa' jdejh fuq martu. Jghid ukoll li l-attur huwa ragel hali ghaliex jonfoq hafna flus fuq l-annimali, fosthom l-ghasafar.

Il-Qorti rat ix-xhieda ta' omm l-intimata MP[18] fejn tghid li ma kienitx kuntenta li bintha kienet qed tohrog mal-intimat ghaliex ma kellhiex impressjoni tajba tax-xufiera tal-linja. Tghid li rrabjaw hafna meta l-intimata marret tghix mieghu. Kien f'dan iz-zmien li bdew il-problemi ghaliex il-paga taghha bdiet tidhol fil-kont tieghu u kien jikkontrollalha flusha, tant li kien hemm drabi fejn kienet tixtrilha l-hwejjeg hi ghaliex ma kienx ikollha minn fejn.

Tikkonferma li kien l-attur stess li ammetta maghha li kellu *depression* u li ma riedx jiehu l-pilloli

---

8 Ara a fol 67 tal-process
9 Datata l-14 ta' Gunju 2011 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Fransina Abela esebita a fol 70 tal-process
10 Ara Dok. RA1 u Dok. RA2 esebiti a fol 75 – 90 tal-process
11 Ara Dok. BOV 1 u BOV 2 esebiti a fol 646 – 671 tal-process
12 Esebita a fol 508 tal-process
13 Dok. HSBC1 – HSBC 11 esebiti a fol 513 – 642 tal-process
14 Ara Dok. HSBC 12 esebit a fol 643 tal-process
15 Esebit a fol 293 tal-process li huwa l-kuntratt ta' kera fuq il-hanut
16 Esebit a fol 291 tal-process li juri l-ammont li thallas ghall-*stock* tal-hanut
17 Datata l-1 ta' Marzu 2012 esebita a fol 389 tal-process
18 Datata l-15 ta' Novembru 2012 esebita a fol 432 tal-process

Tghid li fiz-zwieg, meta kienu jarawh jirrabbja b'mod li mhux meqjuz normali, kienu jaghtuha l-parir biex titilqu, izda kienet tirrifjuta ghaliex kienet tghid li thobbu. Tghid li fiz-zwieg il-problemi baqghu hemm. Baqa' agressiv, ma kienx jaghtiha flus u kien jippretendi li t-tindif taghmlu kollu bintha, inkluz dak tal-kamra tat-tigieg u l-*pet shop*.

Issir referenza wkoll ghal erbatax-il ritratt li tesebixxi l-intimata[19], liema ritratti fil-maggoranza taghhom juru annimali ezotici, l-attur ma' xi annimali, tfal mal-istess annimali u ritratt wiehed mghannaq ma' mara.

**DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI**

Dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 38 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".

Dan necessarjament ifisser li l-adulterju, huwa raguni valida bizzejjed ghall-Qorti sabiex tilqa' t-talba ghal separazzjoni personali bejn koppja u dan *stante* li kif sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia**[20] fejn gie ritenut li:

"***L-adulterju hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali***"

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jaghti prova. F'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs G Scicluna**[21] fejn gie dikjarat li:

"***L-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista'***

[19] Esebiti a fol 512 tal-process
[20] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili
[21] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***jkun pruvat per mezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika***".

Il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimat irrenda ruhu hati ta' adulterju. Jigi rilevat li minkejja li l-karattru difficli tal-attur wassal ukoll ghall-firda tal-partijiet, jidher li r-raguni principali ghall-firda ta' bejn il-partijiet kienet l-adulterju tieghu tant li kien precizament kif l-intimata qabbditu maghha li l-partijiet infirdu.

Ghalhekk, fid-dawl ta' tali provi li ma jhallu ebda dubju dwar ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda raguni ghala m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-istess attur.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti taghmel referenza ghan-nota guramentata tal-attur[22] u li permezz taghha jiddikjara li r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ghandha tigi allokata lill-intimata, abbazi tan-nuqqas ta' maturita' taghha li wasslu ghal numru ta' argumenti bejniethom. Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-istess attur jiddikjara li hemm il-kirja tal-hanut 'Tropical Bird Centre' bl-indirizz 155, Vjal il-Helsien Zebbug li l-kera tieghu illum hija dik ta' €16.31. L-istess attur jiddikjara li d-dhul mill-istess hanut huwa dak ta' madwar €250 kulljum li minnhom hemm 20% qliegh wara li jinqatghu l-ispejjez. B'hekk il-qliegh f'gimgha jammonta ghal madwar €300. Jghid li kien hemm dejn originarjament fl-ammont ta' €9000 li kellu jithallas fl-*intier* tieghu sal-ahhar tas-sena 2011 u jikkontendi li tali kirja u hanut ghandu jigi assenjat lilu. Isemmi *laptop* tal-valur ta' €650 li nxtara fiz-zwieg u li qieghed fil-pussess tal-intimata li jikkontendi li ghandu jigi assenjat lilu anke abbazi ta' kreditu parafernali ta' Lm40,000 (li huma derivanti minn bejgh ta' proprjeta' parafernali f'Qormi u liema flus intuzaw ghall-komunjoni tal-akkwisti), kelba Pug bil-valur ta' €350 li ghandha tigi assenjata lill-intimata. Isemmi van li jikkontendi li ghandu jigi trasferit lilu abbazi tal-kreditu parafernali tieghu, kif ukoll abbazi tal-fatt li tali van kien gie bi tpartit li ghamel ma' vettura li kienet proprjeta' parafernali tieghu. Ghandu kreditu ta' Lm100 rapprezentanti flus li l-attur kien hallas ghall-intimata qabel iz-zwieg relatati ma' kawza li hija kellha ma' terz u dejn ta' Lm50 man-nanniet taghha li gie mhallas mill-istess attur.

Il-Qorti tirrileva li l-akbar kwistjoni ta' bejn il-partijiet tidher li hija *pet shop* u l-allegazzjoni ta' kreditu parafernali da parti tal-attur. Jidher li l-attur unilateralment nehha l-kirja tal-hanut u dan certament ghad-detriment tal-intimata *stante* li, kif jirrizulta mill-atti, l-kirja kienet tippartjeni ghall-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Mill-atti jirrizulta l-ammont tal-kera li kienet tithallas sa' Frar 2012 u cioe' l-ammont ta' €8679 ghall-perjodu bejn il-31 ta' Ottubru 2009 sal-15 ta' Novembru 2011 u l-ammont ta' €1711.50 ghall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Novembru 2011 u l-ahhar ta' Frar 2012. Il-Qorti m'ghandha ebda prova jekk mat-trasferiment tal-kirja inghatax rigal jew le, u jekk iva f'liema

[22] Esebita a fol 34 tal-process

ammont pero' jibqa' l-fatt li d-drittijiet tal-intimata gew lezi unilateralment mill-attur. Mid-dokumenti esebiti in atti jirrizulta li saru pagamenti ta' €15,000, €15,000 u €9500 mill-komunjoni tal-akkwisti relattivi ghall-istess *pet-shop.* Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-fatt li mhux kredibbli li hanut bhal dak li kien jiggestixxi l-attur kellu introjtu hekk kif dikjarat mill-attur stess. Wara kollox, l-istess attur ha b'mod unilaterali kwalunkwe profitt li gie rez mid-data li l-partijiet isseparaw *de facto,* u dan min-naha l-ohra certament huwa kreditu ghall-intimata. Mid-dokument esebit fejn l-intimata tiddikjara li m'ghandhiex x'taqsam mal-hanut (kif ukoll mal-van), liema dokument bl-ebda mod ma gie kontradett, jidher li l-intimata rrinunzjat ghall-istess hanut, li wara kollox jidher li mhux fil-pussess tal-istess attur. Pero' tenut kont tal-fatti kollha, specjalment il-fatt li l-attur ha ghalih wahdu l-profitti kollha minn mindu sseparaw *de facto* u fuq kollox iddispona minn assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghad-detriment tal-istess intimata, (fosthom il-kirja tal-istess hanut), il-Qorti tasal biex tiddeciedi li l-attur m'ghandu ebda kreditu parafernali spettanti lilu.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit tal-attur stess fejn jikkontendi li l-kreditu parafernali tieghu huwa dak ta' Lm40,000 pero' mbaghad jispecifika li hallas is-somma ta' Lm5000 bhala depositu u s-somma ta' Lm10,000 bhala xogholijiet fid-dar li nxtrat fil-komunjoni, filwaqt li l-bilanc intuzaw ghat-tieg u l-kawza relattiva ghall-istess dar. Il-Qorti ma tistax taghti kredibilita' lill-attur dwar dan *stante* li meta l-partijiet xtraw il-post kienu diga' mizzewgin (kif jixhed hu stess) u *stante* wkoll li jekk intefqu l-flus ghall-kawza, kellu ghall-anqas igib prova tal-ispejjez. Il-Qorti m'ghandha ebda hjiel tal-ispejjez li qed isemmi l-istess attur, kif wara kollox m'ghandha ebda hjiel ta' kif allegatament intefqu l-Lm10,000 msemmija. Fid-dawl ta' dan kollu, t-talba tal-attur kwantu ghall-kreditu parafernali qed jigi michud ukoll.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti qieghda xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet mid-data taz-zwieg taghhom bil-mod segwenti:

Il-*laptop* imsemmi mill-attur u li huwa fil-pussess tal-intimata ghandu jkun il-proprjeta' esklussiva taghha. L-istess jinghad ghall-kelb Pug. Il-van bin-numru ta' registrazzjoni ANG 888 ghandu jitqies bhala l-proprjeta' esklussiva tal-attur. Kwalunkwe dejn relattiv ghall-hanut ghandu jigi assorbit unikament mill-attur, filwaqt li l-istess attur ghandu jzomm il-kontijiet kollha bankarji f'ismu b'dan li jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva tieghu. L-intimata ghandha zzomm il-kontijiet bankarji f'isimha b'dawn li jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva taghha. Kontinijiet kongunti ghandhom jinghalqsu b'dan li r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet b'mod ugwali. Id-dejn li jirrizulta mill-banek f'isem iz-zewg partijiet ghandu jithallas unikament mill-attur *stante* li kien l-istess attur li ddispona minn assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghad-detriment tal-intimata. Kwalunkwe dejn f'isem il-partijiet b'mod separat ghandu jithallas minn dik il-parti li ghamlet tali dejn.

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHALL-INTIMATA**

L-intimata qieghda titlob manteniment ghaliha personalment, b'dan li tipprezenta prospett guramentat[23] u li permezz tieghu tiddikjara li ghandha introjtu ta' €152 fil-gimgha b'dan li skont hi stess, l-ispejjez taghha fix-xahar jammontaw ghal €857, li naturalment huma aktar mill-introjtu taghha. Tipprezenta l-FS3 ghas-sena 2009[24] fejn il-*gross* taghha huwa dak ta' €6670. Il-*pay-slip* relattiva ghax-xahar ta' Lulju tas-sena 2010 turi introjtu *gross* u medju ta' €689.26[25] filwaqt li l-*pay-slips* ghax-xhur ta' wara jitilghu ghal introjtu ta' €1377.03 u €2157.41[26]. Mix-xiehda ta' Christian Borg[27] jirrizulta li l-ahhar impjieg tal-intimata huwa dak mal-Preluna Hotel & Spa fuq bazi *part-time,* kif anke tikkonferma Maryanne Cardona in rappreżentanza tal-istess Hotel imsemmija[28]. Permezz tal-FS3 ghas-sena 2012 abbinata mal-attur[29] jirrizulta li fil-perjodu ta' bejn l-24 ta' Lulju 2012 u t-28 ta' Novembru 2012 l-attur kellu introjtu *gross* ta' €5091. Mix-xiehda tar-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, John Micallef[30] jesebixxi Dok. KTI1[31] bhala d-dettalji tat-*tax-payer* u cioe' l-attur filwaqt li Dok. KTI2[32] jindika s-sena taz-zwieg taghhom. Filwaqt li x-xhud jipprezenta dokumenti ghal snin passati jghid li sal-gurnata li fiha ta x-xiehda tieghu, is-sena stima 2013 kienet ghadha ma waslitx u ghalhekk inharget stima mill-istess Kummissarju (ara Dok. KTI8[33]).

Jigi rilevat li permezz ta' digriet tal-31 ta' Jannar 2011, il-Qorti ordnat lill-attur ihallas is-somma ta' €300 fix-xahar bhala manteniment ghall-intimata b'dan li permezz ta' digriet datat is-17 ta' Ottubru 2011[34] l-ordni ghall-hlas ta' manteniment giet mibdula ghas-somma ta' €200 fix-xahar.

*Stante* li l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li t-tifrik taz-zwieg huwa responsabbli ghalih l-attur u *stante* li l-intimata tidher li hija kapaci tahdem (tant li tahdem fuq bazi *part-time*), il-Qorti qieghda tordna lill-attur ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment lil martu l-intimata, b'dan li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas sa' hames snin wara tali sentenza tigi *res judicata*. Minn wara tali data, l-ebda manteniment m'ghandu jkun dovut.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 KONTRA L-INTIMAT</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

---

23 Ara a fol 308 tal-process
24 Ara a fol 309 tal-process
25 Ara a fol 310 tal-process
26 Ara a fol 311 tal-process
27 Ara x-xhieda tieghu datata s-6 ta' Dicembru 2011 esebita fol 336 tal-process
28 Ara x-xhieda taghha datata s-16 ta' Jannar 2012 esebit a fol 382 tal-process
29 Esebita afol 447 tal-process
30 Ara x-xhieda tieghu datata t-18 ta' Frar 2014 esebita a fol 484 tal-process
31 Esebit a fol 486 tal-process
32 Esebit a fol 487 tal-process
33 Esebit a fol 503 tal-process
34 Esebit a fol 370 tal-process

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825,
826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-attur rikonvenzjonat u ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tapplika l-Artikolu 48(1)(a) u (d) kontra l-istess attur u tichad it-talba ghall-applikazzjoni tal-istess fil-konfront tal-intimata.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u l-ewwel talba rikonvenzjonata tal-intimata u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-attur rikonvenzjonat;

[2] Tichad it-tieni talba tal-attur izda tilqa' r-raba' talba tal-intimata rikonvenzjonanta fil-konfront tal-attur kwantu ghal Artikolu 48(1)(a) u (d);

[3] Tilqa' t-tielet talba tal-attur rikonvenzjonat u t-tielet talba tal-intimata rikonvenzjonanti bil-mod kif spjegat fil-paragrafu msemmi 'Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti';

[4] Tichad ir-raba’ talba attrici *stante* li m’hemm ebda proprjeta’ immobbli x’tigi assenjata;

[5] Tichad il-hames talba tal-attur rikonvenzjonat.

[6] Tilqa’ t-tieni talba tal-intimata rikonvenzjonanta b’dan li tordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas is-somma ta’ €200 fix-xahar bhala manteniment lill-intimata martu, b’dan li tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas biss sa’ hames snin wara tali sentenza tigi *res judicata*. Minn wara tali data, l-ebda manteniment m’ghandu jkun dovut.

[7] Tichad is-seba’ talba tal-intimata rikonvenzjonanta

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-attur rikonvenzjonat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------